MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Rikors Numru. 1066/2013

**Almabruk Abdulwahab Almabruk Mauhub (I.D. nru 48504A) bhala mandatarju specjali tal-assenti Khaled Mohamed El Arifi (P.P. Nru 699948)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-8 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi l-esponenti huwa kreditur ta` Masterprint Limited (C5916) kif jirrizulta mill-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu datat 15 ta` Frar 2001 in atti Nutar Dottor Marco Burlo` (kopja annessa u mmarkata Dok A) fis-somma ta` seba` mija u sitta u sebghin elf Lira Maltin (Lm776,000) ;*

*2. Illi r-Registratur intimat hassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji l-isem tal-kumpannija Masterprint Limited (C5916) in ezercizzju tal-poteri moghtija lilu ai termini l-artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi l-esponenti ma setax ikollu konoxxenza ta` dan il-fatt stante illi huwa jirrisjedi barra minn Malta u konsegwentement ma setax joggezzjona ghal tali thassir minn fuq ir-registru tal-kumpanniji ;*

*4. Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt koncess lilu qua kreditur li jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna li l-isem tal-kumpannija hawn qabel indikata jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji u dan ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*5. Illi l-kumpannija Masterprint Limited ghandha assi mmobiljari li fuqhom jista` jigi ezegwit il-kreditu tar-rikorrent u ghalhekk l-istess esponent ghandu interess illi l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li huwa xieraq li l-isem tal-kumpannija Masterprint Limited jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji ;*

*2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Masterprint Limited jerga` jidhol fir-registru u tikkundanna lill-intimat sabiex jaghmel l-istess ;*

*3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa sabiex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma kienx gie mhassar.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-27 ta` Dicembru 2013 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-procedura taht l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji giet inizjata mir-Registratur f`dan il-kaz ghaliex il-kumpannija Masterprint Limited (C 5916) kienet tidher illi hi mitluqa u abbandunata. Dan billi l-kumpannija naqset ghal diversi snin milli tibghat il-kontijiet annwali u l-prospetti annwali li kienet obbligata li tibghat kull sena bil-ligi. L-ahhar dokument li ntbaghat kien igib is-sena tal-1999. Ghaldaqstant il-kumpannija flimkien mad-diretturi taghha kienu gew ukoll suggetti ghal diversi penaltajiet.*

*Illi skont kif jipprovdi l-istess Artikolu 325 tal-Att u billi r-Registratur ma rcieva l-ebda twegiba ghad-diversi ittra mibghuta minnu, la minghand il-kumpannija u lanqas minghand id-diretturi taghha, ir-Registratur ghadda sabiex ippubblika fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum l-avviz illi tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni l-isem tal-kumpannija kien sejjer jitnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. L-avviz kompla biex zied illi wara dik id-data l-kumpannija kellha titqies bhala xolta u kull attiv f`isimha kellu jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta. Illi billi f`dawk it-tliet xhur hadd, lanqas ir-rikorrent, ma wera interess illi dan ma ssirx, ir-Registratur ippubblika avviz iehor fuq il-website mizmuma minnu fejn avza li b`effett mill-10 ta` Marzu 2013 l-isem tal-kumpannija Masterprint Limited (C5916) kien gie mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi r-rikorrent inghata bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avvizi fuq imsemmija sabiex jinforma lir-Registratur tal-Kumpanniji bl-interess illi kellu sabiex l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru izda dan baqa` inadempjenti. L-esponent ihoss illi l-fatt illi r-rikorrent jghix barra minn Malta ma kellux iwaqqfu milli ssegwi l-progress tal-kumpannija in kwistjoni. Dan specjalment meta wiehed jikkunsidra l-fatt illi l-kreditu tieghu kien ilu jezisti mill-2001.*

*Illi nonostante ghas-suespost jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi l-isem tal-kumpannija Masterprint Limited (C5961) ghandu jerga` jitpogga fuq ir-Registru l-Artikolu 325 tal-Att jaghmilha cara illi hekk kif l-isem tal-kumpannija jerga`*

*jitqieghed fuq ir-Registru l-obbligi u r-responsabbilita` tal-kumpannija, ta` kull direttur jew ufficjal iehor u ta` kull membru taghha ghandhom ikomplu u jistghu jigu nforzati daqslikieku l-isem tal-kumpannija qatt ma gie mhassar. Ghalhekk, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar. F`dan ir-rigward, il-ligi taghti l-poter lill-Qorti biex taghti ordni f`dan is-sens. Illi ghalhekk l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpannija u tal-ufficjali taghha jergghu jigu fis-sehh daqslikieku l-isem taghha qatt ma thassar.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi meta tigi biex taghti sentenza dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra illi ghandu jinstab bilanc bejn l-interess tal-esponent illi ma jispiccax b`kumpanniji illi mhumiex in regola mal-Att fuq ir-Registru ghal zmien indefinit u minghajr m`ghandhom l-ebda attivita` u min-naha l-ohra l-kreditur tal-kumpannija in kwistjoni illi l-interess tieghu ikun biss illi jigi mhallas il-kreditu tieghu u dan fid-dawl jekk l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru huwiex ser jaghmel xi differenza dwar il-possibilita` reali illi jissodisfa l-kreditu tieghu.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xiehda ta` Khaled Mohamed El Arifi u ta` Av. Dr. Noella Sciriha fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

**Khaled Mohammed El Arifi** – mandant tar-rikorrent – xehed illi Frank Cachia li kien wiehed mid-diretturi tal-kumpannija Masterprint Limited kien mar il-Libja biex ifittex investment ghall-kumpannija. Kellu ufficcju go Tripli u anke kuntatti ma` diversi dipartimenti tal-Gvern Libjan ghall-fini ta` negozju. Dan in-negozju kien relatat direttament jew indirettament mal-industrija ta` l-istampar. Biex ikompli n-negozju tieghu, Cachia kien jehtieg investment ta` flus friski provenjenti mis-suq Libjan. Fil-fatt Cachia ltaqa` kemm max-xhud kif ukoll ma` membru tal-familja tieghu u talabhom javvanzawlu flus. Dan kien fl-1997. Ix-xhud accetta u avvanza l-ewwel somma ta` flus lil Cachia fl-ammont ta` 500,000 Dinar Libjan taht il-"kappell" ta` Masterprint Limited Print. Il-ftehim ma` Cachia kien illi bil-flus jingiebu minn Malta prodotti li s-suq Libjan kellu bzonnhom, dawk il-prodotti jinbieghu fis-suq Libjan, biz-zmien x-xhud jiehu lura l-kapital li avvanza flimkien ma` 10% kummissjoni. Gara pero` li ma bdewx jigu l-prodotti minn Malta. In segwitu Cachia talab lix-xhud javvanzalu 400,000 Dinar Libjan u wara 300,000 Dinar Libjan ohra. Cachia kien igib hafna skuzi ghala l-prodotti minn Malta ma kienux qeghdin jaslu l-Libja. Billi x-xhud ma riedx li n-negozju jisfaxxa, accetta li jhallas lil Cachia l-400,000 Dinar Libjan u t- 300,000 Dinar Libjan li talbu. Billi ma kienx qed jara progress, beda jigi lix-xhud is-suspett illi xi haga ma kenitx f`postha. Ghalhekk beda jaghmel pressjoni fuq Cachia biex ihallas lura l-flus li kien avvanzalu. Cachia qallu biex jigi Malta halli jsir ftehim quddiem Nutar fejn jirrikonoxxi l-ammont li kellu jaghti lix-xhud. Fil-fatt hekk ghamel u sar kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu quddiem in-Nutar Dott. Charles Vella Zarb fil-15 ta` Frar 2000. Hemmhekk il-figura kienet ta` Lm150,000. Kien l-ammont li kellu jiehu minghand Masterprint Limited. Fit-13 ta` Jannar 2001 sar kuntratt iehor ma` Masterprint Limited ghall-ammont ta` Lm767,000. Il-figuri kienu tant gholjin ghaliex huwa baqa` jghaddi l-flus lil Cachia billi kull darba li dan kien imur il-Libja Cachia jurih kuntratti li kellu fil-Libja u kien ihajru jinvesti ; u hekk kien jaghmel ix-xhud. Thallas US$ 250,000 li kienu depozitati go kont fit-Tunezija. Fl-2004 billi Cachia kellu negozju ta` ghamara u arredament fil-Libja, thallas minghandu valur ta` prodott fl-ammont ta` 50,000 Dinar Libjan. Wara dan il-flus ma thallas xejn aktar. Kellem avukat li beda procedura sabiex l-atti notarili jigu resi ezegwibbli. Waqt li qieghjed jittratta mal-avukat sar jaf illi Masterprint Limited kienet thassret mir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta. Billi ghalija kien hemm riskju li nispicca ma nigbor xejn minn dak li kien fadalli niehu

minghand Masterprint Limited, tajt struzzjonijiet biex tibda l-procedura tal-lum halli nissalvagwarda l-esekuzzjoni tad-drittijiet tieghi kontra Masterprint Limited. Jien ghamilt ukoll kwerela lill-Pulizija ta` Malta ghax jien nikkontendi li kont vittma ta` ingann.

**<u>Av. Dr. Noella Sciriha</u>** xehdet illi meta Khaled Mohammed El Arifi talab konsult mal-ufficcju legali li taghmel parti minnu, il-kaz tieghu kien assenjat lilha u hija esaminat d-dokumenti kollha li gab il-klijent. Saret ittra ufficjali biex l-atti notarili jigu resi esegwibbli. Saru wkoll ricerki mnejn irrizulta li Masterprint Limited kienet thassret mir-Registru tal-Kumpanniji. Sabu wkoll illi bhala wiehed mill-assi taghha Masterprint Limited kellha l-bini fejn kien hemm l-istamperija fejn kienet topera. Sabu li dak il-bini kien gie trsferit lil hu Frank Cachia minkejja li kien hemm ipoteka specjali fuq dak l-immobbli. L-uniku tama li ghandu l-klijent taghhom huwa li bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru jkollu ghad-disposizzjoni tieghu l-*actio pauliana.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Masterprint Limited (C5916) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrent noe qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija de qua jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi <u>tas-subartikolu erbgha (4)</u>. Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta` l-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta` l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-*

*registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar ; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità,*

*jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Il-Qorti tghid illi kien **<u>unikament</u>** minhabba l-inadempjenzi ripetuti tal-kumpannija Masterprint Limited u tal-ufficjali taghha li l-intimat, bhala regolatur, kien

kostrett ighaddi ghall-procedura tat-thassir tal-isem ta` dik il-kumpannija minn fuq ir-registru skond l-Art 325(1) tal-Kap 386. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mill-Art 325(2). U ghaliex il-kumpannija de qua xorta wahda baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem taghha mir-registru skond l-istess Art 325(2).

**Il-Qorti tghid illi kien ippruvat, ghas-sodisfazzjon taghha, illi kienu gustifikati u skond il-ligi l-azzjonijiet li ha l-intimat fir-rigward tal-kumpannija de qua u li wasslu ghat-thassir taghha mir-registru.**

Il-Qorti tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fl-Art 325(2), trid tkun il-kumpannija, permezz tal-ufficjali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-intimat ma jipprocedix bit-thassir. Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak it-terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar.

Il-Qorti tirrileva illi t-thassir tal-isem skond l-Art 325(2) mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fl-Art 325(4) tal-Kap 386. Ghalhekk membru **jew** kreditur tal-kumpannija **jew** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tal-Art 325(2). Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat fil-konfront taghhom. Dment illi **dawk** il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru. Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma ghalhekk distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Dan premess, il-Qorti tghid illi qieset il-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum.

Mhuwiex kompitu tal-Qorti li tidhol fil-mertu tan-negozju li sar bejn il-mandant tar-rikorrent u l-kumpannija Masterprint Limited u/jew id-direttur taghha Francis sive` Frank Cachia. Il-kompitu tal-Qorti huwa li taccerta ruhha fl-ewwel lok jekk il-

mandant tar-rikorrent ghandux *locus standi* sabiex iressaq il-procediment tal-lum u fit-tieni lok, accertat il-*locus standi* tieghu, jekk it-talba tieghu kif dedotta hijiex gustifikata jew fondata inkella le.

Apparti dak li xehed Khaled Mohamed El Arifi, jirrizulta mill-atti ta` dan il-procediment –

a) Illi fil-15 ta` Frar 2000 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb fejn Francis Cachia ghal Masterprint Limited iddikjara ruhu vera, likwidu u cert debitur ta` Khaled Mohamed El Arifi fl-ammont ta` Lm105,000.

b) Illi fit-13 ta` Jannar 2001, sar kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo` bejn Frank Cachia de proprio u Khaled Mohamed El Arifi fejn Frank Cachia ddikjara ruhu debitur tal-istess El Arifi fl-ammont ta` Lm776,000. Fil-kuntratt dahlet klawsola li tghid hekk – *For all purposes the parties declare that the amount of Lm776,000 is inclusive of the debts acknowledged in three public deeds in the records of Notary Doctor Charles Vella Zarb dated twenty sixth (26th) November one thousand nine kundred and ninety eight (1998), fifteenth (15th) February of the year two thousand (2000) and eighteenth (18th) May of the year two thousand.*

c) Illi fit-23 ta` April 2001, Av. Dott. Raphael Fenech Adami bhala mandatarju ta` Khaled Mohamed El Arifi pprezenta ittra ufficjali kontra Frank Cachia de proprio sabiex *inter alia* jirrendi ezegwibbli l-kuntratt fuq riferit tat-13 ta` Jannar 2001.

d) Illi ghalkemm il-kreditu ta` El Arifi ghadu mhux imhallas fl-intier tieghu, sar hlas favur tieghu ta` US$ 250,000 u 50,000 Dinar Libjan.

**Jidher evidenti mit-test tal-kuntratt tat-13 ta` Jannar 2001 illi b`dak il-kuntratt Frank Cachia de proprio dahal responsabbli bhala debitur de proprio tad-dejn li kellha Masterprint Limited fil-konfront ta` El Arifi ghall-ammont ta` Lm776,000. L-aqwa prova u konferma ta` dan hija l-ittra ufficjali tat-23 ta` April 2001.**

**Ma jirrizultax illi thassar il-kuntratt tat-13 ta` Frar 2000 bhala effett tal-kuntratt tat-13 ta` Jannar 2001. Ghalhekk El Arifi jikkwalifika bhala "kreditur" ta` Masterprint Limited ghall-fini ta` dan il-procediment. U kwindi ghandu *locus standi.***

**Eppure l-Qorti ma tarax illi jkun opportun min-naha taghha illi fil-kaz tal-lum tezercita d-diskrezzjoni li ghandha skond l-Art 325(4) sabiex terga` tqieghed isem dik il-kumpannija fir-registru.**

**Irid jinghad ghall-fini ta` massima kjarezza li l-procediment skond l-Art 325(4) huwa mizura straordinarja u specjali ghall-ahhar. Biex thassar l-isem, sar gharbiel mill-intimat li kellu jsegwi procedura stabbilita mil-ligi. Sabiex il-Qorti "*tqieghed l-arlogg lura*", ir-ragunijiet ghal mizura daqstant drastika jridu jkunu specjali u partikolari.**

**Ma ninsewx illi meta l-Qorti tregga` lura l-isem ta` kumpannija, <u>fuq istanza ta` kreditur</u>, m`ghandhiex kontroll fuq l-agir tal-kumpannija. Fi kliem aktar car, bl-isem reintegrat unikament ghall-beneficcju tal-kreditur, hemm riskju li jbati l-pubbliku in generali ghaliex anke fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma ghandha l-ebda prova li bir-reintegrazzjoni tal-isem il-karriera ta` inadempjenza li kellha Masterprint Limited fil-konfront tar-regolatur sejra tibda minn *tabula rasa.* Fil-kaz tal-lum nafu mir-risposta tal-intimat illi l-ahhar dokument statutorju li baghtet Masterprint Limited kien fl-1999. Sakemm thassar l-isem fl-2013, <u>u cioe` ghal matul erbatax-il sena shah</u>, baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha <u>kollha</u>.**

**Il-Qorti mhijiex sejra tesponi lill-pubbliku u lit-*taxpayer* fir-riskju li jassisti ghall-infieq ta` spejjez bla bzonn meta l-kreditur bis-sahha tad-dokumenti li pprezenta ghandu rimedji <u>diretti</u> kontra Frank Cachia <u>de proprio</u> biex jigbor il-kreditu tieghu bla ma ghandu ghalfejn jinvolvi lil Masterprint Limited jew jitlob li terga` tidhol fir-registru.**

**Huwa d-dmir ta` din il-Qorti fil-mansjoni specifika li taghtha l-ligi stess illi filwaqt li tqis l-interessi ta` kull min ghandu jedd ifittex rimedju minghandha, ghandha ukoll l-obbligu li tqis ukoll l-interess komuni.**

**Fil-kaz tal-lum l-interess komuni jesigi li kumpannija bhal Masterprint Limited, li ghax iddecidiet li ma tosservax l-obbligi taghha skond il-Kap 386, ma tergax tinghata c-cans tidhol fir-registru a skapitu ta` terzi meta t-*track record* taghha mil-lat ta` adempjenzi statutorji huwa definittivament fin-negattiv.**

**Fid-decizjoni li l-Qorti qeghda tiehu hija tinsab konfortata mill-fatt illi kif jixhdu l-atti ta` dan il-procediment El Arifi ghandu dritt ta` azzjoni <u>diretta</u> kontra Frank Cachia de proprio.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------